repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

# IĊ-ĊITTADINANZA MHIX GĦALL-BEJGĦ

Dokument ta' Pożizzjoni dwar
l-Iskema Maltija tal-Bejgħ tal-Passaporti

**L-1 ta' Mejju 2021**

‘Repubblika’ hija organizzazzjoni volontarja skont it-termini tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji tal-Liġijiet ta’ Malta u hija stabbilita għall-benefiċċju pubbliku. Hija organizzazzjoni bi skop speċjali li ma tagħmilx qligħ u hija volontarja u awtonoma mill-gvern. L-organizzazzjoni għandha l-għan li tippromwovi d-drittijiet ċivili, il-ħajja demokratika, is-saltna tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni, il-libertajiet personali, l-inklużjoni soċjali, il-konservazzjoni ambjentali, is-sostenibbiltà ekonomika, u l-ugwaljanza tal-aċċess, b’parteċipazzjoni attiva fid-diskors nazzjonali u inizjattivi edukattivi, soċjali u karitattivi relatati.

Il-Pjazza tal-Knisja, l-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org

| | |
|---|---|
| Werrej | 3 |
| Introduzzjoni | 4 |
| Iċ-Ċittadinanza Maltija | 6 |
| It-tifsira taċ-ċittadinanza | 9 |
| Iċ-ċittadinanza Ewropea | 14 |
| Għaldaqstant, iċ-ċittadinanza hi: | 15 |
| Il-persuni mwielda Malta | 17 |
| Id-dijaspora Maltija | 18 |
| Il-persuni li jagħmlu lil Malta pajjiżhom | 20 |
| Nattiraw lin-nies | 24 |
| Għalfejn noġġezzjonaw għall-iskema tal-IIP | 27 |
| L-esperjenza ta' Malta bl-IIP | 31 |
| Il-potenzjal ta' riskji kbar | 34 |
| Diskrezzjoni eċċessiva | 36 |
| Opaċità | 38 |
| Revokabbiltà | 41 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 42 |

# Introduzzjoni

Fil-fehma tagħna, iċ-ċittadinanza jeħtieġ tkun xi ħaġa li tgħaqqad u twitti. Iżda l-liġijiet taċ-ċittadinanza tagħna huma diskriminatorji, ibiegħdu lin-nies, joħolqu distintività u separazzjoni ereditarji, jinkludu inġustizzji inerenti u għalhekk iwittu t-triq għal kunflitti fil-futur.

Aħna mħassba fuq il-konsegwenzi fi żmienna u fil-ġejjieni tad-difetti fil-liġijiet taċ-ċittadinanza tagħna, tal-politika li jħaddan il-gvern f'dan il-qasam, u tal-imġiba tal-amministrazzjoni pubblika f'dan ir-rigward.

Din hi r-raġuni għalfejn qed insemmgħu leħinna dwar dan.

Dan id-dokument hu wieħed minn serje ta' dokumenti ta' pożizzjoni mħejjija u ppubblikati minn Repubblika li jistħarrġu dak kollu li jitqies bħala dgħufija jew riskju għall-funzjonament tad-demokrazija tagħna, b'enfasi partikolari fuq dak li aħna nqisu bħala rigressjonijiet li qed inawru s-saltna tad-dritt, il-prinċipji tal-governanza tajba u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

F'dan id-dokument ta' pożizzjoni, qed neżaminaw iċ-ċittadinanza ta' Malta u f'Malta, il-bażi legali tagħha, il-fehim kulturali tat-tifsira tagħha, u nistabbilixxu t-tamiet tagħna għal dak li jeħtieġ niksbu fejn tidħol iċ-ċittadinanza u kif, fil-fehma tagħna, mhux qed jirnexxilna. F'dan il-kuntest, qed neżaminaw iċ-ċittadinanza rikonoxxuta bit-twelid u bid-dixxendenza, iċ-ċittadinanza mogħtija bin-naturalizzazzjoni u dik bl-hekk imsejjaħ "Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment" (IIP).

Wara stħarriġ u valutazzjoni kritika tal-politika uffiċjali f'dan il-qasam, qed inressqu għadd ta' rakkomandazzjonijiet għal riformi fil-liġijiet dwar iċ-ċittadinanza biex ikunu joqorbu iżjed lejn l-aspirazzjonijiet tagħna.

L-aspirazzjonijiet tagħna huma mnebbħin mix-xewqa tagħna għall-ġustizzja, il-korrettezza, it-trasparenza u l-inklużjoni.

Iċ-ċittadinanza hija r-rabta sekulari li ġġibna u żżommna flimkien bħala komunità b'interessi komuni. Bħala ċittadini ta' komunità, aħna werrieta ta' esperjenza kondiviża, iżda kumplessa u eteroġenja, u nikkondividu fehim kollettiv ta' sett ta' valuri.

Iċ-ċittadinanza tagħtina aċċess għal relazzjoni permanenti u inaljenabbli mal-ġid komuni li bħala ċittadini aħna intitolati li jkollna sehem fih. Iċ-ċittadinanza hi l-mod kif nidentifikaw lilna nfusna bħala Maltin u Ewropej u kif nirrikonoxxu lil ċittadini oħra li forsi ma nkunux nafuhom personalment bħala detenturi leġittimi ta' dik l-identità kondiviża.

Din hija r-raġuni għalfejn dan is-suġġett hu importanti.

Il-liġijiet li jirfdu u jirregolaw iċ-ċittadinanza ġew relegati mill-Kostituzzjoni għal-liġi ordinarja u f'ħafna aspetti spiċċaw f'idejn l-Eżekuttiv. Iċ-ċittadinanza tpoġġiet għall-bejgħ, merfugħa għas-sinjuri u rifjutata lill-fqar. Intużat biex tinħoloq sottoklassi li tgħix fostna u b'hekk ġiet istituzzjonalizzata d-diskriminazzjoni, l-aktar dik abbażi tar-razza.

Din il-materja jeħtieġ tiġi indirizzata b'urġenza.

# Iċ-Ċittadinanza Maltija

Il-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi li ċ-ċittadinanza ta' Malta u ċ-ċittadinanza ta' pajjiżi oħra li għandhom iċ-ċittadini Maltin jeħtieġ jiġu regolati bil-liġi. Lil hinn mid-dispożizzjonijiet post-kolonjali dwar l-istatus taċ-ċittadini tal-Commonwealth iżda, il-Kostituzzjoni tneħħewlha r-regoli fundamentali dwar kif wieħed isir ċittadin u, b'inferenza, xi jfisser li tkun ċittadin.

Il-klawżoli dwar il-kisba taċ-ċittadinanza bit-twelid, bid-dixxendenza jew biż-żwieġ u l-klawżoli li jiddefinixxu r-rikonoxximent bħala ċittadini Maltin liċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra, tneħħew mill-Kostituzzjoni tagħna fis-sena 2000 meta saret riforma fir-regoli dwar iċ-ċittadinanza, l-aktar biex jiġu liberalizzati r-regoli Maltin dwar iċ-ċittadinanza doppja ħalli jitneħħew ir-rekwiżiti ta' rinunzja taċ-ċittadinanza Maltija jekk tkun ippreferuta ċ-ċittadinanza ta' pajjiż ieħor.

Minflok, dawn ir-regoli ġew miżjuda fl-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, liġi li ilha teżisti minn meta Malta kisbet l-Indipendenza u li tirrikonoxxi bħala ċittadini Maltin lill-persuni mwielda Malta qabel l-Indipendenza u tippermetti r-reġistrazzjoni ta' ċittadini eliġibbli oħrajn.

Il-bidliet li saru mis-sena 2000 żiedu l-klawżoli li qabel kienu fil-Kostituzzjoni dwar kif tingħata ċ-ċittadinanza wara l-Indipendenza.

Persuna tiġi rikonoxxuta bħala ċittadin Malti jew Maltija jekk titwieled Malta minn ġenitur Malti jew Maltija, jew jekk ikollha dixxendenza Maltija. Persuna tista' tiġi naturalizzata bħala Malti jew Maltija jekk tiżżewweġ u tgħix ma' ċittadin Malti jew Maltija għal mill-inqas 5 snin, sakemm il-gvern ma jsibx li n-naturalizzazzjoni tiegħu jew tagħha tmur kontra l-interess pubbliku.

Il-liġi tagħti s-setgħa lill-Ministru li jinnaturalizza bħala Malti jew Maltija lil kull min ikun għex Malta għal mill-inqas 7 snin, jitkellem bl-Ingliż u bil-Malti, ikun "ta' kondotta tajba" u "ċittadin tajjeb ta' Malta". F'ċirkostanzi eċċezzjonali, ir-rekwiżit tas-seba' snin jista' jinqabeż iżda fil-prattika, l-applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati b'mod favorevoli biss meta l-perjodu ta' residenza jkun ferm itwal.

Il-liġi tagħti s-setgħa lill-Ministru li jinjora l-kriterji tal-eliġibbiltà u jagħti ċ-ċittadinanza lil kwalunkwe persuna "li jkun ta servizzi eċċezzjonali lir-Repubblika ta' Malta jew lill-umanità". Din id-dispożizzjoni kienet maħsuba għall-valur simboliku tagħha, bħall-għoti tradizzjonali taċ-ċwievet ta' xi belt, u ntużat biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna.

Wara bidliet riċenti fir-regolamenti, il-proċess tal-applikazzjoni biex persuna tiġi rikonoxxuta bħala ċittadin li jkun ta servizz eċċezzjonali lir-Repubblika ta' Malta jew lill-umanità, sar soġġett għas-sorveljanza ta' regolatur maħtur mill-Prim Ministru. Sar soġġett ukoll għal regolamenti speċifiċi u issa l-applikanti jeħtieġu l-approvazzjoni ta' Bord tal-Evalwazzjoni.

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra jistgħu jirrinunzjaw iċ-ċittadinanza Maltija jekk il-Ministru jkun jippermetti dan. Il-Ministru jista' jneħħi ċ-ċittadinanza lil persuni li l-applikazzjoni tagħhom għan-naturalizzazzjoni tkun frawdolenti. Iżda ċ-ċittadinanza tista' titneħħa wkoll lil ċittadini naturalizzati talli jkunu "żleali jew mhux fidili lejn il-President jew lejn il-Gvern ta' Malta", minħabba tradiment waqt gwerra, priġunerija fit-tul, jew lil ċittadini li ilhom jgħixu barra mill-pajjiż għal żmien twil.

Id-deċiżjonijiet Ministerjali mhumiex soġġetti għall-appell.

L-aktar innovazzjoni riċenti hi ċ-"ċittadinanza b'investiment". Skont l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, l-iskema hija sorveljata mir-regolatur maħtur mill-Prim Ministru, iżda l-iskema mhix regolata mill-Att.

Minflok, hija mmexxija minn żewġ aġenziji. Identity Malta twaqqfet permezz ta' leġiżlazzjoni sussidjarja skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika fl-2013. Din jeħtieġ tikkoopera mal-Aġenzija Maltija tal-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment imwaqqfa wkoll permezz ta' leġiżlazzjoni sussidjarja skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika fl-2018.

Il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment kien oriġinarjament twaqqaf b'regolamenti skont l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija fl-2014. Dawk ir-regolamenti tħassru fl-2020 u l-iskema tal-IIP ġiet trasferita fir-regolamenti preeżistenti dwar l-għoti tan-naturalizzazzjoni għal servizzi eċċezzjonali.

Biex jiġu naturalizzati bħala rikonoxximent ta' "servizzi eċċezzjonali b'investiment dirett", l-applikanti jeħtieġ juru li qabel in-naturalizzazzjoni għexu Malta flimkien mad-dipendenti tagħhom għal 36 xahar (li jistgħu jitnaqqsu għal 12).

L-"investiment dirett" hu definit bħala impenn li jixtru proprjetà li tiswa €700,000 (il-prezz ta' dar medja) jew jikru proprjetà ta' mill-inqas €1,340 fix-xahar (il-prezz tal-kiri ta' appartament medju f'belt) għal ħames snin mid-data meta jiġu rikonoxxuti bħala ċittadini. L-applikanti jeħtieġ iwettqu "investiment dirett eċċezzjonali f'Malta" jiġifieri jħallsu €750,000 u mbagħad €10,000 għal kull wieħed mid-dipendenti tagħhom, u donazzjoni ta' €10,000 għal kawża ġusta.

L-investigazzjonijiet ġurnalistiċi ħarġu fid-dieher li b'mod konsistenti, il-"prova ta' residenza" mitluba fl-applikazzjonijiet ma tiġix verifikata. Hi kwistjoni ta' kontroversja dwar jekk ix-xiri ta' dar, jew il-kiri ta' appartament għal ħames snin, u ħlas ta' darba fi flus kontanti jammontawx għal "servizzi eċċezzjonali mogħtija lir-Repubblika ta' Malta jew lill-umanità".

Il-proċess tar-rikonoxximent ta' ċittadin ġie assenjat lil aġenziji amministrattivi stabbiliti b'avviżi legali, mingħajr l-iskrutinju parlamentari u, bil-pretest tal-awtonomija skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, qed tiġi evitata l-akkontabbiltà anki mill-Ministri fil-Parlament. Ftit li xejn issir sorveljanza għajr mir-"regolatur" li fi kwalunkwe każ jaħtru l-Prim Ministru.

Barra minn hekk, ftit li xejn hemm regolamenti dwar it-trasparenza u fi kwalunkwe każ, il-ftit li hemm, qed jilleġittimizzaw l-opaċità. L-aġenziji responsabbli rrifjutaw it-talbiet għal Libertà tal-Informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom għal raġunijiet ta' privatezza u minħabba tħassib għar-relazzjonijiet diplomatiċi ta' Malta ma' pajjiżi oħra.

Il-Ministri għandhom is-setgħa li jirrifjutaw l-applikazzjonijiet għaċ-ċittadinanza jew jirtiraw iċ-ċittadinanza meta din tkun ingħatat bi ftit jew mingħajr proċess jew rieżami xierqa.

1

# It-tifsira taċ-ċittadinanza

Id-dibattitu dwar dak li l-gvern jiddeskrivi bħala l-"programm ta' ċittadinanza b'investiment" jew, kif inhi magħrufa wkoll, iċ-"ċittadinanza b'investiment", il-"golden passport", jew "l-iskema tal-bejgħ tal-passaporti" ħafna drabi jħallat u jħawwad għadd ta' kunċetti distinti li jixraq niċċaraw.

Hi x'inhi x-xewqa tal-applikanti tal-passaport Malti, dak li qed jingħataw jekk tintlaqa' l-applikazzjoni tagħhom hu l-istatus ta' ċittadin ta' Malta. Barra minn hekk, jekk ma jkunux, b'estensjoni qed isiru wkoll ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

Il-passaport Malti ngħata ċertu attraenza biex jidher bħallikieku Diners' Club card ta' klassi. Iżda minbarra l-vantaġġi fl-ivvjaġġar u privileġġi oħra li jiġu mal-pussess ta' passaport Malti, l-iskema tagħti l-istatus ta' ċittadini lil persuni li altrimenti ma jkunux eliġibbli għalih. Għallinqas filosofikament, dan iħalli impatt materjali fuq iċ-ċittadini l-oħra kollha għax jekk jinbidlu l-kriterji tal-eliġibbiltà biex xi ħadd jiġi rikonoxxut bħala ċittadin, tkun qed tibdel in-natura minnha nnifisha ta' dik iċ-ċittadinanza.

Fid-diskors politiku, dawn il-kunċetti ħafna drabi jitwarrbu għax jitqiesu eżoteriċi u li ma jħallu l-ebda effett fuq ħajjet in-nies. U infatti, għal ħafna min-nies, dawn il-kunsiderazzjonijiet rari jkunu prijorità.

Bħalma jissuġġerixxi isimna, Repubblika hi mħassba ferm fuq il-prinċipji fundamentali tal-ħajja demokratika tagħna bħala komunità. L-interess tagħna fiċ-ċittadinanza mhux sempliċiment materjalistiku, jew saħansitra bħala ċertifikat li jagħti benefiċċji u drittijiet addizzjonali lid-detenturi tiegħu.

Fil-fehma tagħna, iċ-ċittadinanza hija ċentrali għas-sens ta' appartenenza tagħna f'komunità.

Hi l-identifikatur tas-sħubija fil-komunità u l-vokazzjoni formali li wieħed jikkontribwixxi għall-interessi komuni tal-komunità.

Iċ-ċittadinanza hija "rabta universali" li torbot lill-individwu f'patt mal-Istat u mal-komunità. F'soċjetà multietnika u multireliġjuża bħal dik ta' Malta, din hija l-unika rabta li tmur lil hinn minn kull identifikatur partikolaristiku ieħor, bħar-razza, l-etniċità, ir-reliġjon, il-ġeneru u oħrajn.

Għaldaqstant, iċ-ċaqliq ta' dawn is-sisien morali u soċjali tal-komunità jeħtieġ, fil-fehma tagħna, stħarriġ bir-reqqa. Kwalunkwe bidla fir-regoli tal-eliġibbiltà għaċ-ċittadinanza jeħtieġ tkun konsistenti mar-raġunijiet proprja għalfejn teżisti ċ-ċittadinanza, u jekk ir-regoli jkunu inkonsistenti ma' dawk il-prinċipji, dawk jeħtieġ jinbidlu biex jiżguraw li tinkiseb il-konsistenza.

It-totemi tal-identità f'komunità usa' jimmotivaw lin-nies biex jaġixxu fl-interess ta' persuni li jaf ma jkunux jafuhom personalment. Dan hu minnu għal kwalunkwe komunità li hi akbar minn familja estiża. Għal re, għal pajjiż, għal imperu, għal niesu, wieħed jaġixxi għall-ġid ta' xi ħaġa akbar milli għall-ġid tiegħu nnifsu jew ta' familtu. Dan hu l-aktar espliċitu fil-motivazzjoni li jkollhom is-suldati f'armata meta individwi jissugraw ħajjithom għal sħabhom jew għal persuni ċivili li qatt mhu se jiltaqgħu magħhom.

Dawn it-totemi huma ddisinjati, spiss mill-elit, biex imorru lil hinn mid-differenzi. Tkun mixtieqa li wieħed imut għar-re għax din tmur lil hinn mill-fatt li r-re jappartjeni għal ordni differenti ta' għana, kultura, edukazzjoni u opportunità mis-suldati li jkunu qed imutu. Id-differenzi jixxejnu fil-komunalitajiet. Ir-re u s-suldat jiġġieldu għall-istess art, jew jitkellmu bl-istess lingwa, jew jipprattikaw l-istess reliġjon u jaduraw l-istess alla.

M'hemm l-ebda formula konsistenti għal dan it-totemiżmu. Infatti, il-kunċett tan-nazzjon Ewropew, dak li qabel kien il-fehim kontemporanju taċ-ċittadinanza, tfassal fuq oqfsa inkonsistenti. Il-Kattoliċiżmu kien identifikatur nazzjonali għall-Maltin u għall-Irlandiżi li riedu jinfatmu mill-ħakkiema Anglikani tagħhom, iżda l-istess fidi kienet inibitur għall-unifikazzjoni Taljana. In-nattivismu lingwistiku jiddistingwi lill-Kroati mill-ġirien tagħhom iżda l-lingwi kellhom jiġu ivvintati kważi mill-qiegħ biex jiġu identifikati l-Iżraeljani u l-Griegi. L-appartenenza għan-nazzjon Franċiż hi impenn sekulari għall-prinċipji universali filwaqt li l-appartenenza għan-nazzjon Ġermaniż għandha għeruq profondi fl-art Ġermaniża daqs il-foresti u l-muntanji.

It-tfassil ta' Stat nazzjon Ewropew jeħtieġ koerċizzjoni, il-qerda ta' identitajiet individwali, lokali u reġjonali, u l-abbandun ta' identifikaturi kompetituri. In-nazzjon Ewropew modern ħonoq il-karatteristiċi reġjonali, id-djaletti u l-lingwi. Iffrustra l-varjazzjonijiet u l-elementi diversi tal-prattika reliġjuża. Warrab ċerti drawwiet u minflokhom daħħal tradizzjonijiet ivvintati rikonoxxuti uffiċjalment.

Fi ħdan dak il-proċess tal-bidla, hemm iż-żerriegħa tad-diskriminazzjoni, l-inugwaljanza — ekonomika, kulturali u politika — u eventwalment tal-kunflitt u l-gwerra.

L-esperjenza Ewropea talbitna nfasslu mill-ġdid iċ-ċittadinanza b'mod li jmur lil hinn minn dawn l-identifikaturi, fuq valuri li huma fl-istess ħin universali, li jingħarfu u jiġu attribwibbli minnufih lill-bniedem. Il-proġett tal-integrazzjoni Ewropea huwa tabilħaqq imsejjes fuq il-prinċipju tal-għaqda fid-diversità.

Malta miexja bil-mod f'din il-vokazzjoni. Parti mir-raġuni għal dan hi li aħna bħala nazzjon ġarrabna inqas orribbiltà tul l-istorja tagħna biex niġu f'sensina u nagħrfu li rridu nibdew nifhmu li nappartjenu għal komunità.

Hemm xi eżempji ovvji. L-esperjenza kolonjali ta' komunità żgħira fuq gżira fissret li n-nazzjon il-ġdid seta' faċilment jagħraf lilu nnifsu b'etniċità, lingwa, kultura u reliġjon komuni, u ftit sforz kien meħtieġ biex jinkludi lill-minoritajiet.

Ċertament, il-kwistjoni tal-lingwa u l-kontroversji politikoreliġjużi tat-tletinijiet, tal-ħamsinijiet u tas-sittinijiet inħolqu, parzjalment, fuq firdiet kulturali li fuqhom issejset l-espressjoni politika. Anki l-qasma bejn iż-żewġ partiti li ddominaw il-politika f'Malta mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn hija kulturali: jekk xi darba kienet ibbażata fuq il-prinċipju ta' affiljazzjoni fi klassi, tul l-aħħar tletin sena saret ferm aktar kwistjoni ta' attitudnijiet fundamentali għall-kisba u ż-żamma tal-poter, u ta' sfumaturi ta' intensità fl-impenn favur il-ġid komuni.

Iżda dawn il-qasmiet politiċi ma jsaħħux id-diviżjonijiet inerenti tal-identità tant li persuna ssibha diffiċli li tbiddel "ma' min iżżomm". Żgur li ma jagħmluhiex diffiċli daqs il-bidla minn Kattoliku għal Protestant fl-Irlanda ta' Fuq jew minn Żulu għal Afrikaani fl-Afrika t'Isfel.

"Aħna lkoll aħwa Maltin," kien jgħid il-messaġġ politiku. L-għonja u l-fqar jagħrfu lil xulxin fl-għażliet kulturali u reliġjużi tagħhom u jifhmu lil xulxin bil-lingwa li jitkellmu. Il-politika mbagħad tista' tkun iffukata iżjed fuq il-perċezzjonijiet ta' ġlieda għall-ġustizzja soċjali milli fuq xi ostaklu kulturali għall-integrazzjoni u għall-koeżjoni soċjali xi mkien ieħor fl-Ewropa.

Ir-realtà f'Malta tinbidel kif tagħmel kullimkien. L-ideat antikwati ta' dak li jagħmilna nazzjon Malti, ibbażati fuq kunċetti kolonjali u nazzjonalistiċi ta' etniċità u identità reliġjuża u kulturali, qed kulma jmur isiru aktar inadegwati, kawża għal diskriminazzjoni u jċaħħdu d-drittijiet lil persuni li jqisu lil Malta pajjiżhom.

Il-konsegwenzi fit-tul ta' dan se jkunu perikolużi għall-istabbiltà politika tal-pajjiż. Jekk il-minoritajiet tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni jibqgħu jiċċaħħdu mid-drittijiet bażiċi u jibqgħu jbatu diskriminazzjoni fl-abitazzjoni, fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa, u l-bqija, inkunu qed

nissograw li noħolqu sfidi konsiderevoli li għada pitgħada nsibuhom ferm aktar diffiċli biex nindirizzaw. Inġustizzja li tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra jew li tiġi imposta bħallikieku xi dnub tan-nisel fuq id-dixxendenti ta' komunitajiet imċaħħda, speċjalment jekk dik l-inġustizzja tkompli tiggrava bl-ostakli legali, tistieden reazzjoni tal-istess proporzjon. Dik ir-reazzjoni proporzjonata aktarx tkun esploživa, u mnejn vjolenti.

Hekk ġara u hekk qed jiġri fid-demokraziji moderni l-oħra kollha. Aħna m'aħniex speċjali.

Hekk kif Malta tibqa' tinbidel, u jinbidel ukoll il-profil tan-nies li jqisu lil Malta pajjiżhom, iċ-ċittadinanza għandha tkun, fil-fehma tagħna, l-artikolazzjoni tar-relazzjoni ta' kull individwu li jgħix f'din il-komunità mal-komunità nnifisha. U r-relazzjoni ta' dawk l-individwi mal-Istat li mingħandu għandhom id-dritt jistennew trattament ugwali daqs ċittadini oħra.

Iċ-ċittadinanza hija l-punt fejn jiltaqgħu żewġ ideat kontradittorji.

L-ewwel waħda hi li l-individwu hu inerentement mogħni bi drittijiet u libertajiet, intitolament inaljenabbli li ma jingħatax bħala rigal iżda bit-twelid tal-individwu bħala bniedem.

It-tieni waħda hi li l-ebda bniedem mhu gżira. Li t-tajjeb għall-ħafna jisboq it-tajjeb għall-ftit jew għall-wieħed. Li ħajja f'komunità titlobna nikkunsidraw il-ħtiġijiet komuni u d-drittijiet kollettivi, ħafna drabi askapitu tal-interessi tagħna bħala individwi. Li, għalkemm il-libertajiet huma inerenti, il-protezzjoni tagħhom teħtieġ id-delega tas-sovranità tagħna bħala individwi lil setgħa 'l barra minna, li għandha l-qawwa tillimita l-libertajiet tagħna għall-ġid tal-komunità.

Bla dubju, hawnhekk qed niddeskrivu kwalunkwe għamla ta' Stat, u din l-istruttura mhux bilfors tkun moderna jew riċenti.

U l-idea ta' stat demokratiku lanqas mhi inkompatibbli ma' Stat nazzjon mibni fuq identifikaturi kulturali jew etniċi. Sempliċiment mhix l-Istat li qed naspiraw għalih. Għalhekk, biex nerġgħu nduru fuq eżempji ċari minn komunitajiet akbar minna li riedu jsibu tarf ta' kobba ferm aktar imħabbla minn tagħna b'rabta mal-identità u ċ-ċittadinanza, l-Afrika t'Isfel tal-apartheid kienet demokratika iżda d-definizzjoni tagħha ta' eliġibbiltà fuq linji razzjali kienet intrinsikament inġusta. Bl-istess mod, qabel il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira, l-Irlanda ta' Fuq kienet demokratika, iżda f'kultura politika definita madwar linji ta' identitajiet reliġjużi, il-Kattoliċi kienu għal dejjem telliefa. Dan fisser li għal minoranza kbira, id-demokrazija ma kinitx għodda biżżejjed biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jilħqu l-milja tagħhom bħala ċittadini.

U meta ma kien hemm l-ebda mezz legali ieħor possibbli, il-ħtiġijiet ta' parti mill-komunità maqbuda fi stat ta' trattament ħażin perpetwu ġew espressi bil-vjolenza. Il-kawża tal-minoranza mrażżna tal-Irlanda ta' Fuq, ngħidu aħna, jew tal-maġġoranza oppressa tal-Afrika t'Isfel, ingħatat widen biss wara kunflitt vjolenti u tbatija kbira.

Jekk ma nantiċipawx il-futur tagħna, inkunu responsabbli għat-tbatija li għad trid isseħħ.

Il-każ ta' Malta mhu bl-ebda mod ikkumplikat daqs il-każijiet passati tal-Irlanda ta' Fuq jew tal-Afrika t'Isfel. Madankollu qed jinġemgħu inġustizzji inerenti li l-Istat nazzjon Malti, peress li d-definizzjoni taċ-ċittadinanza hija msejsa fuq fehim antikolonjali ta' xi tfisser li tkun Malti jew Maltija, qed jonqos milli jindirizza b'mod konsistenti.

Indipendentement mill-iskema tal-IIP, il-mod kif Malta qed tirrikonoxxi liċ-ċittadini llum ma jissodisfax l-aspettattiva tagħna li ċ-ċittadinanza tlaqqa' flimkien lill-persuni li jappartjenu kif xieraq għall-komunità Maltija.

# Iċ-ċittadinanza Ewropea

Fit-Trattat ta’ Maastricht u kif evolva fil-bqija tat-Trattati minn dakinhar ’l hawn, il-kunċett taċ-ċittadinanza Ewropea sar kumplimentari għaċ-ċittadinanza ta’ xi wieħed mill-Istati Membri.

Peress li l-kriterji tal-eliġibbiltà għaċ-ċittadinanza huma differenti għal kull Stat Membru, ma jeżistix sett koeżiv ta’ kriterji tal-eliġibbiltà għaċ-ċittadinanza Ewropea. Ladarba individwu jiġi rikonoxxut bħala ċittadin ta’ Stat Membru, l-Istati Membri l-oħra kollha huma obbligati jirrikonoxxuh bħala eliġibbli għall-istess drittijiet bħaċ-ċittadini tagħhom mingħajr diskriminazzjoni.

Dan il-“valur miżjud” isaħħaħ is-siwi prattiku taċ-ċittadinanza ta’ kwalunkwe Stat Membru. Dan jgħodd b’mod sproporzjonat għaċ-ċittadini ta’ pajjiżi iżgħar u l-ebda pajjiż tal-UE mhu iżgħar minn Malta.

Il-kampanja biex id-dritt għan-naturalizzazzjoni jiġi estiż għad-dixxendenti ta’ migranti Maltin nibtet fi żmien is-sħubija ta’ Malta fl-Unjoni Ewropea. L-appartenenza simbolika għal dixxendenza Maltija li ġiet maċ-ċittadinanza lil Awstraljan Malti tat-tielet ġenerazzjoni saret bla dubju aktar attraenti b’passaport li jintitolah għal ivvjaġġar bla viża u li jagħtih id-dritt li jaħdem fejn irid fl-UE kollha.

Ċertament li l-fatt li tkun ċittadin Malti mhuwiex sempliċiment li tkun Malti jew Maltija iżda hu wkoll dak kollu li wieħed hu intitolat għalih jekk ikun Malti jew Maltija. Dan hu ferm aktar minnu jekk jitqies is-sinifikat taċ-ċittadinanza Ewropea.

Fil-prattika, iċ-ċittadinanza Ewropea hi aggregazzjoni tal-privileġġi li l-Istati Membri jagħtu liċ-ċittadini tagħhom, u għalhekk l-obbligu li jiġu rikonoxxuti d-drittijiet taċ-ċittadini ta’ Stati Membri oħra jġib miegħu ċerti obbligi konkomitanti għall-Istati Membri biex jamministraw iċ-ċittadinanzi tagħhom b’mod responsabbli.

Fil-fehma tagħna, l-iskema tal-bejgħ taċ-ċittadinanza Maltija ma tissodisfax dawk l-obbligi; u se nagħtu diversi raġunijiet għalfejn naħsbu hekk.

# Għaldaqstant, iċ-ċittadinanza hi:

- identifikatur sekulari u rikonoxxibbli tal-komunità u għall-komunità; ir-rikonoxximent tal-intitolament għal sħubija fil-komunità; il-vokazzjoni li wieħed jikkontribwixxi għall-ġid komuni tagħha; u l-impenn fid-dmir u fid-dritt għal solidarjetà fil-komunità;

- stat legali ta' intitolament legali għall-privileġġi ta' appartenenza għall-komunità; u min-naħa l-oħra, għalhekk, stat ta' nonċittadinanza hu esklużjoni materjali minn dawk id-drittijiet;

- identifikatur li, fil-każ taċ-ċittadinanza tagħna, juri li inti Malti jew Maltija; faċilitatur li jmur lil hinn mid-differenzi, u komunalità kondiviża li tiġġustifika u tenfasizza s-solidarjetà u s-simpatija;

- il-ġebla tax-xewka li fuqha tissejjes u tissoda l-komunità tagħna bħala komunità politika ħajja li tinbidel u tevolvi; il-biljett, mhux negozjabbli u inaljenabbli, li jagħtik aċċess għad-demokrazija tagħna;

- il-formalizzazzjoni tar-relazzjoni tagħna mal-Istat u dak li jiddefinixxi r-restrizzjoni fuq is-setgħat tal-Istat li huma limitati bid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tiegħu;

- il-vokazzjoni għad-doveri u r-responsabbiltajiet tagħna lejn il-komunità tagħna, kemm formali – bħat-tassazzjoni, il-votazzjoni u s-servizz pubbliku – u anki informali – bħall-volontarjat, il-parteċipazzjoni fid-diskors pubbliku, il-karità u s-simpatija fin-nuqqas ta' qbil;

- iċ-ċavetta għall-inklużjoni tal-emarġinati, tal-iżvantaġġati, tal-foqra jew tal-persuni li jappartjenu għal minorità minħabba etniċità, orjentazzjoni, oriġini, iżda anki opinjoni, twemmin u persważjoni;

- il-faċilitatur li jagħti s-setgħa lil kull membru individwali tal-komunità biex jilħaq il-milja tiegħu, jissodisfa t-tamiet u l-aspirazzjonijiet tiegħu u s-siwi tiegħu, filwaqt li jimponi fuq kulħadd id-dmir li jirrispetta d-dritt ta' kulħadd bħala individwu f'komunità;

- bħala ċittadini Maltin, iċ-ċittadinanza tagħna hi wkoll l-identifikatur tagħna bħala Ewropej, bħala difensuri tal-valuri tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija, tas-

solidarjetà, tas-sussidjarjetà u tar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti, li tagħtina d-dritt u l-privileġġ li niġu rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha daqslikieku konna ċittadini tagħhom, u intitolati għall-protezzjoni tagħhom kull fejn inkunu fid-dinja.

Din tiswa mitqlu deheb u ma nistgħux nagħtuha prezz.

1

# Il-persuni mwielda Malta

Persuna mwielda Malta u li tibqa’ Malta għal perjodu raġonevoli ta’ żmien, permezz ta’ dawk il-fatti biss, għandha titqies mill-komunità bħala Malti jew Maltija.

It-tfal imwielda Malta u li jibqgħu Malta għal perjodu raġonevoli ta’ żmien ma jafu bl-ebda post ieħor fid-dinja bħala pajjiżhom. Jeżistu sitwazzjonijiet estremi meta r-rifjut ta’ Malta li tagħti ċ-ċittadinanza lil persuni mwielda hawnhekk iġiegħel lit-tfal jikbru apolidi. Minħabba f’hekk, dawn jiċċaħħdu mill-protezzjoni ta’ kwalunkwe pajjiż fid-dinja. Din il-komunità ma tqishomx li jappartjenu għaliha u ċċaħħadhom mid-dritt li jsejħu lilhom infushom membri tagħha. Dan jeħtieġ jiġi indirizzat.

Fil-fehma tagħna, il-persuni mwielda Malta, tkun xi tkun in-nazzjonalità tal-ġenituri tagħhom, li jikbru minn ċkunithom f’dan il-pajjiż għandhom jitqiesu Maltin, minflok ma ngħidulhom li l-uniku pajjiż li qatt jafu qed iqishom barranin.

# Id-dijaspora Maltija

Id-dixxendenti tal-migranti Maltin jiġu naturalizzati jekk japplikaw u jagħtu prova tad-dixxendenza tagħhom. Dan il-fatt jgħinna, skontna, insostnu l-argumenti tagħna għal bidliet fir-regoli tal-eliġibbiltà għaċ-ċittadinanza u fil-proċessi tar-rikonoxximent tagħha.

Il-Maltin li jitqiesu hekk permezz ta' dan il-proċess jonqsu milli jissodisfaw ħafna mit-testijiet informali iżda riġidi tal-kunċetti konvenzjonali ta' li tkun Malti jew Maltija. Ħafna minnhom ma jitkellmux bil-Malti. Ma jqisux lil Malta pajjiżhom u wħud minnhom ġew naturalizzati ferm qabel żaru l-pajjiż. Għajr għal xi identifikaturi etniċi aktarx vagi, bilkemm jingħarfu li huma "Maltin" fis-sens konvenzjonali.

Madankollu, dawn jingħataw iċ-ċittadinanza bħala rikonoxximent tal-appartenenza tagħhom għal idea usa', aktar vaga iżda mhux inqas konkreta legalment ta' xi tfisser li tkun Malti jew Maltija.

Il-bidliet fil-ħajja komunitarja f'Malta jseħħu b'modi differenti mill-bidliet fil-ħajja tal-membri tad-dijaspora, b'mod partikolari bejn ġenerazzjoni u oħra, u bejn distanzi mbiegħda. Iżda l-fehim sekulari tagħna ta' ċittadinanza jfisser li aħna kapaċi mmorru lil hinn minn dawn id-differenzi.

Bħalma ma nqisux li hemm baħar jaqsam bejn bidwi li jgħix Ħad-Dingli u avukat li jgħix ir-Rabat Għawdex bis-saħħa tal-istatus komuni tagħhom ta' ċittadini Maltin, lesti naċċettaw li hemm biżżejjed biex dawn iż-żewġ persuni jinżammu flimkien ma' Awstraljan Malti tat-tielet ġenerazzjoni minn Sydney li jitkellem għamla ta' Maltraljan u li għalih Malta hija biss idea ta' dixxendenza u għeruq u mhux il-post mnejn jikseb l-għajxien tiegħu jew fejn jagħżel li jgħix u jmut.

Għalkemm nifhmu li ċ-ċittadinanza għandha użu prattiku għax tgħin lid-dinja tagħraf persuna Maltija mingħajr il-benefiċċju tal-ħjiel informali li nużaw biex nagħrfu lil xulxin, l-inklużjoni tad-dijaspora fiċ-ċittadinanza Maltija turi wkoll is-sinifikat emozzjonali u simboliku taċ-ċittadinanza.

Dan aktarx hu aktar importanti għall-migranti Maltin u għad-dixxendenti tagħhom milli għall-persuni li jqisu lil Malta pajjiżhom. Iżda huwa wkoll lezzjoni għall-Malti u l-Maltija "imwielda f'pajjiżna" (jekk nistgħu ngħidu hekk bi ftit ironija).

Dan juri li meta jogħġobna, il-kunċetti taċ-ċittadinanza jevolvu abbażi tal-kundizzjoni umana, u li l-kundizzjoni umana tinkludi l-migrazzjoni u l-insedjament permanenti xi mkien ieħor.

L-esperjenza tad-dijaspora Maltija tfakkarna li t-tiġrib ekonomiku jew, b'mod aktar ċar, in-nuqqas ta' opportunitajiet, ġiegħlu lil bosta Maltin iniżżlu l-ankri band'oħra. Dan il-fatt m'għamilhomx inqas Maltin. Ma biddilx il-mod kif kienu jagħrfu lilhom infushom u lill-komunità li kienu jappartjenu għaliha. Wassalhom biex ħafna minnhom iħallu gżiritna flimkien, għal ħajja xi mkien ieħor flimkien, jew biex jiżżewġu persuni mill-komunità tal-oriġini tagħhom.

Naturalment, dawk ir-rabtiet jinbidlu maż-żmien. Jevolvu f'nostalġija u eventwalment sempliċiment f'rikonoxximent tad-dixxendenza tagħhom. Id-dinamika tinbidel hekk kif il-migranti joħolqu sens ġdid ta' appartenenza mhux biss għall-komunità li ħallew warajhom iżda anki għall-komunità li ngħaqdu magħha.

Il-Maltin imbagħad jqisu lilhom infushom ukoll bħala Awstraljani, jew Ingliżi, jew Amerikani jew Kanadiżi. U l-ġenerazzjonijiet tal-migranti ta' qabel malajr qiesu lilhom infushom bħala Franċiżi jew Eġizzjani, u maż-żmien interessathom l-oriġini Maltija tagħhom sempliċiment għall-kurżità għax kienet immaterjali għall-mod kif iqisu lilhom infushom.

Fi żmienna qed nesperjenzaw mewġiet ġodda tad-dijaspora Maltija għax għadd ġmielu ta' Maltin qed imorru jgħixu f'pajjiżi oħra, l-aktar fil-bliet Ewropej.

Min-naħa l-oħra, Malta hi wkoll destinazzjoni li qed tilqa' l-migranti, iżda qed iddum wisq biex issarraf l-esperjenza tal-emigranti tagħha f'rikonoxximent tal-aspirazzjonijiet u tal-impenn tal-immigranti.

Il-liġijiet tagħna jieħdu fit-tul biex jirrikonoxxu lil dawk li jgħixu fostna bħala persuni li jappartjenu għal din il-komunità. Ħafna drabi, il-proċeduri tagħna, il-kultura politika tagħna, l-attitudnijiet u d-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tagħna huma pożittivament ostili fil-konfront tagħhom.

Biex ma ngħidux li prattikament hu tabù li xi ħadd iqis lil persuni li ssetiljaw fostna f'xi żmien wara twelidhom bħala persuni intitolati għal vot fl-elezzjonijiet ġenerali, għal karigi għoljin fiċ-ċivil jew fil-ġudikatura, jew biex jirrappreżentaw lill-poplu ta' Malta f'pożizzjoni pubblika. Dak it-tabù kulturali hu rifless u msaħħaħ bl-ostakli għaċ-ċittadinanza li għad għandna fis-sistema tagħna.

# Il-persuni li jagħmlu lil Malta pajjiżhom

Fil-prinċipju, iċ-ċittadinanza li tifformalizza (iżda mhux bilfors toħloq mill-bidu) ir-rabtiet bejn individwu u l-komunità li jgħix fiha, ma għandhiex tiġi miċħuda lil xi ħadd li maż-żmien żviluppa dawk ir-rabtiet.

Għaldaqstant, aħna nieħdu pożizzjoni liberali ħafna dwar x'għandhom ikunu r-rekwiżiti għan-naturalizzazzjoni. Barra miż-żwieġ ma' ċittadin Malti jew Maltija li jeħtieġ itul mill-anqas 5 snin qabel ma titqies in-naturalizzazzjoni tal-persuna l-oħra, in-naturalizzazzjoni tal-persuni li ilhom residenti f'Malta għal żmien twil hi proċess diffiċli.

L-applikazzjonijiet għan-naturalizzazzjoni ma jiġux ipproċessati abbażi tad-drittijiet iżda abbażi ta' rigal strettament f'idejn l-awtoritajiet Maltin. Il-proċess tfassal biex jintimida lil kulħadd għajr lill-aktar determinat, u jdum wisq biex jilqa' u jirrikonoxxi l-kontribut dokumentat tal-applikant għal diversi snin, l-aktar permezz tal-ħlas tat-taxxi fil-pajjiż.

Forsi l-aqwa episodju li juri l-attitudni nazzjonali kien meta Identity Malta ordnat l-eżilju tat-tfal ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kellhom il-permess jibqgħu f'Malta għax-xogħol. L-ordni effettivament treġġgħet lura mill-gvern iżda mhux qabel ma kkawżat tbatija u diffikultajiet kbar. L-inċident fakkar lil kull min qed jgħix fostna li żmienu misluf, u li d-dritt tiegħu jew tagħha għal ħajja tal-familja, aħseb u ara għal residenza, jiddependi fuq il-grazzja tal-awtoritajiet Maltin.

Bl-istess mod, kif ġew trattati l-benefiċjarji tal-"Politika dwar l-Awtorizzazzjoni ta' Residenza Speċifika" fi tmiem l-2020 fakkret lil persuni li ilhom jgħixu fostna xi 15-il sena, oriġinarjament għal raġunijiet umanitarji, li l-awtoritajiet Maltin setgħu jeżiljawhom f'ħakka t'għajn mingħajr twissija u mingħajr kunsiderazzjoni tar-rabtiet li żviluppaw maż-żmien fil-komunità Maltija.

It-taxxi huma biss indikatur tal-impenn lejn il-komunità. Li nkejlu l-parteċipazzjoni biss abbażi tat-tranżazzjonijiet monetarji hu riduttiv. Għandna fostna nies li jikkontribwixxu bl-għaraq ta' ġbinhom, bl-arti tagħhom, bil-kitba tagħhom, bl-ikel, bil-volontarjat, jew bl-isport, u dawn mhux kollha bilfors huma kontribut taxxabbli iżda xorta waħda huma kontribut validu.

L-ironija hi li lanqas it-tassazzjoni waħedha ma tiġi rikonoxxuta. Infatti, l-awtoritajiet Maltin malajr jieħdu passi biex jiżguraw li kull min qed iwettaq xi attività ekonomika f'Malta jibda jikkontribwixxi minnufih għall-ispiża pubblika. Iżda l-prinċipju ta' "l-ebda tassazzjoni mingħajr

rappreżentanza" ma jitħaddimx fil-proċess tal-evalwazzjoni tal-kandidati għall-eliġibbiltà għaċ-ċittadinanza.

Normalment, applikazzjoni għan-naturalizzazzjoni tiġi pproċessata wara xi 15-il sena ta' residenza, li fil-fehma tagħna huma wisq. Dan jiddependi wkoll fuq l-istatus tal-applikant mal-ewwel wasla tiegħu jew tagħha f'Malta. Jiġifieri l-migranti li waslu fostna mingħajr dokumentazzjoni kompluta huma prattikament ikkundannati għal għomorhom u qatt ma jiġu aċċettati bħala ċittadini ta' dan il-pajjiż minkejja l-kontribut tagħhom għall-ħajja komunitarja hawnhekk.

Dan hu inġust b'mod speċjali għall-migranti li waslu fostna bħala minorenni u li ħafna drabi ma kinux akkumpanjati mill-ġenituri, għax infirdu f'xi ħin waqt il-vjaġġ drammatiku tagħhom li wassalhom hawnhekk. Dawn waslu fi xtutna wara esperjenzi tal-biża', joħolmu li jsibu fostna d-dinjità li qatt ma setgħu jgawdu fil-pajjiż ta' twelidhom. Madankollu, anke jekk jirrispettaw ir-rekwiżiti kulturali u ekonomiċi ta' ħajja sħiħa f'din il-komunità, u anki jekk jitgħallmu lsienna u jħallsu t-taxxi f'pajjiżna, effettivament dawn huma esklużi għal ħajjithom kollha mid-dritt bażiku li jqisu lil Malta pajjiżhom.

Naturalment, jekk ikollhom it-tfal hawnhekk ma' persuna li mhix ċittadin Malti jew Maltija, l-istatus tagħhom ta' esklużjoni permanenti jingħadda bħad-dnub tan-nisel lil uliedhom.

Fil-fehma tagħna, iċ-ċittadinanza jeħtieġ tkun xi ħaġa li tgħaqqad u twitti.

Meta persuna tissetilja f'Malta, tagħmel lil Malta pajjiżha u tikkontribwixxi għall-ħajja hawnhekk, ma jidhrilniex li hemm bżonn tissodisfa xi rekwiżit ieħor biex titqies Malti jew Maltija fl-aktar sens legali u politiku sħiħ.

Kwalunkwe identifikatur antikwat li inċidentalment hu eskluż fil-liġi tagħna għal raġunijiet ta' diskriminazzjoni, fil-fehma tagħna hu irrilevanti. Il-liġi tagħna ma tippermettilniex niddistingwu bejn il-Maltin abbażi tal-ġeneru, pereżempju, jew tar-razza, tal-etniċità jew tal-orjentazzjoni sesswali. Madankollu, meta niġu biex niddeċiedu fuq l-eliġibbiltà għaċ-ċittadinanza, xorta waħda napplikaw dawn l-identifikaturi b'mod li niddiskriminaw bejn il-persuni.

Formalment, il-liġijiet tagħna ma jgħidux li n-nies bojod għandu jkollhom ċans aħjar li jiġu naturalizzati bħala Maltin mill-persuni suwed. Iżda fil-prattika, il-politika li tiddetermina l-eliġibbiltà ta' xi ħadd għan-naturalizzazzjoni abbażi tal-istatus legali tiegħu jew tagħha mal-

ewwel wasla f'Malta tfisser li l-persuni suwed qed jinferqu mill-persuni bojod. Aħna nirrifjutaw din l-idea għax hi inġusta u tmur kontra s-sinifikat ta' ħaġa li tgħaqqad kif nistennew miċ-ċittadinanza.

Għalkemm id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet nazzjonali jaf ma jkunx fuq nett fil-lista ta' prijoritajiet tal-persuni li qed jitolbu li jiġu naturalizzati, il-fatt li l-persuni li jgħixu fostna u li jiċċaħħdu miċ-ċittadinanza jiġu esklużi mill-komunità politika hu forma ta' stratifikazzjoni. Il-fehim tagħna ta' demokrazija hu msejjes fuq is-suffraġju universali. Is-setgħa u d-dritt tal-vot u l-parteċipazzjoni fil-proċess elettorali suppost jagħtu aċċess lil kull membru tas-soċjetà għal titjib personali, irrispettivament mill-istatus jew mill-għana tiegħu jew tagħha. Iċ-ċaħda fit-tul jew permanenti tad-dritt tal-vot mhix sempliċiment inġusta. Tmur ukoll kontra l-intenzjoni Kostituzzjonali li Malta tkun demokrazija msejsa fuq id-drittijiet universali tal-bniedem.

Il-liġijiet tagħna u l-kultura politika tagħna jħeġġuna nimplimentaw politika pubblika biex innaqqsu l-inugwaljanzi u nevitaw li wħud minna jinqabdu f'xi ċirku vizzjuż ta' faqar u esklużjoni, u li minflok, inwiżnuhom biex kemm jista' jkun jirnexxilhom jgħixu ħajja sħiħa daqs is-sinjur.

Dan ma jimplika l-ebda preġudizzju fundamentali kontra s-sinjuri.

Fil-fehma tagħna, persuna li ġiet Malta, għamlet lil Malta pajjiżha, investiet ġidha f'attivitajiet ekonomiċi f'Malta li ħolqu l-impjiegi għan-nies u taw kontribut għall-ġid tan-nazzjon bit-taxxi, wara perjodu raġonevoli ta' żmien li jikkonferma l-impenn tagħha għall-pajjiż, għandha tiġi rikonoxxuta għal dak li hi fil-prattika, jiġifieri: Malti jew Maltija.

Iżda l-għana m'għandhiex tkun l-uniku kriterju tal-eliġibbiltà. It-talent, il-ħiliet, ix-xogħol, l-arti huma lkoll kontribut li Malta għandha tkun ħerqana li tilqa' u tagħmilhom tagħha.

Aħna jidhrilna li l-artisti u l-artiġġjani, ir-riċerkaturi u l-akkademiċi, il-persuni li jipprovdu servizzi, il-persuni li jaħdmu għal rashom jew għal ħaddieħor, il-persuni li jgħallmu, jibnu, inaddfu, jindokraw, ifejqu, imexxu... kulħadd, irrispettivament mill-għana tagħhom u mill-introjtu tagħhom, kull min bena ħajtu f'Malta, wara perjodu raġonevoli ta' żmien li jikkonferma l-impenn tiegħu jew tagħha għall-pajjiż, għandu jiġi rikonoxxut għal dak li hu fil-prattika: Malti jew Maltija.

Rikonoxximent lill-għonja u rifjut lill-foqra hu diskriminazzjoni fuq bażi soċjali u ekonomika megħjuna mill-kultura politika u minn qafas leġiżlattiv li messna ilna li evolvejna minnu.

Madankollu, fir-rigward tan-naturalizzazzjoni taċ-ċittadini, hu ċar li l-politika mhux dikjarata li titħaddem b'effett mill-aktar devastanti hi diskriminatorja għal raġunijiet inaċċettabbli bħar-razza jew l-għana.

# Nattiraw lin-nies

Bħala attivisti, xi drabi nitqiesu ostili għall-investiment dirett barrani. Dan mhuwiex il-każ, iżda aħna nwissu kontra politiki li huma ġustifikati purament abbażi tal-flus daqslikieku l-flus jiġġustifikaw lilhom infushom. Aħna ma nipproponux li l-globalizzazzjoni titreġġa' lura iżda xorta naspiraw għal sistema dinjija ġusta u sostenibbli mil-lat ekoloġiku u soċjali.

Dan id-dokument m'għandux għalfejn jelabora viżjoni ekonomika dinjija jew nazzjonali. Iżda b'rabta ma' din id-diskussjoni, aħna sempliċiment nisħqu li m'aħniex ostili għan-nies li jġibu l-kapital minn barra l-pajjiż u jinvestuh hawnhekk f'attivitajiet ekonomiċi li jħallu l-qligħ.

Aħna nifhmu wkoll li bħala komunità, aħna nikkompetu ma' oħrajn ġirien jew 'il bogħod minna biex nattiraw attività ekonomika lejn Malta u li f'ħafna aspetti aħna nġarrbu żvantaġġi partikolari, fosthom l-insularità, iċ-ċokon u ekosistema fraġli li faċilment tinqered bi żvilupp li f'kuntest akbar jitqies sostenibbli.

Fil-limiti tar-raġuni, b'limiti etiċi b'saħħithom u skont il-ħtiġijiet tas-sostenibbiltà ekoloġika u soċjali, aħna nappoġġaw l-isforzi tal-awtoritajiet tagħna li jsaħħu l-vantaġġ kompetittiv ta' Malta.

L-ewwel u l-aktar mod ovvju ta' kif jinkiseb dak il-vantaġġ hu billi jitnaqqsu jew jixxejnu l-ostakli artifiċjali għall-investiment lejn pajjiżna li huma fil-kontroll tal-Istat.

Dawn l-ostakli jistgħu jkunu fiskali. Għalkemm uħud minnhom m'għadhomx fil-kompetenza esklussiva tal-awtoritajiet Maltin għax huma regolati parzjalment fil-livell Ewropew, l-ostakli jistgħu jkunu wkoll amministrattivi u kkawżati mill-Istat, u l-awtoritajiet Maltin għandhom il-mezzi biex inaqqsuhom.

Hawn fejn jidħlu t-testijiet tar-raġuni, tal-etika u tas-sostenibbiltà. Fost l-ostakli għall-iżvilupp ekonomiku hemm ir-restrizzjoni fuq l-iżvilupp tal-bini fil-kampanja. Ikun attraenti għal xi negozju li jeħtieġ spazju ta' fabbrika, jekk il-gvern jirrinunzja għar-regoli li jirrestrinġu l-iżvilupp fl-ODZ (barra miż-żona tal-iżvilupp). Madankollu, politika bħal din tfalli t-test tas-sostenibbiltà ekoloġika.

Bl-istess mod, l-investituri jistgħu jiġu skoraġġuti milli jinvestu f'Malta jekk jintalbu japplikaw għall-viża kull darba li jkollhom bżonn iżuru lil Malta, u jkollhom joqogħdu fil-kju f'ambaxxata

f’xi belt kapitali xi mkien ’il bogħod ħafna minn darhom u wara persuni li jixtiequ jiġu hawn għal btala, ngħidu aħna.

Ma narawx għalfejn ir-regoli tal-immigrazzjoni jkunu minnhom infushom ostakli għall-investiment, b’mod partikolari għall-investiment tat-tip li jissodisfa t-testijiet bażiċi li aħna qed nelenkaw hawnhekk. L-awtoritajiet għandhom ikunu, u fil-fatt huma, perfettament liberi li lil min irid jibda attività ekonomika f’Malta tat-tip li jagħmel sens strateġiku għal pajjiżna, jipprovdulu kredenzjali mingħajr dewmien biex tkun evitata kull burokrazija żejda, ħalli jkollu l-permessi meħtieġa biex iżurna u joqgħod fostna kemm ikollu bżonn.

Infatti, kif semmejna aktar kmieni, jekk l-impenn tagħhom lejn Malta jkun fit-tul u jissetiljaw fostna b’mod effettiv, aħna nqisuha perfettament mixtieqa li dawk l-investituri jiġu rikonoxxuti bħala Maltin b’effett sħiħ.

Mill-perspettiva tagħna, dawn huma n-nies li teħtieġ il-komunità tagħna, u jkun ta’ benefiċċju għalina lkoll bħala komunità jekk nattiraw investituri lejn pajjiżna li jagħżlu li jinvestu hawn.

Din mhix kwistjoni ta’ għana. Jekk is-servizz nazzjonali tas-saħħa jew ta’ tal-linja, jew l-anzjani waħedhom id-dar li jeħtieġu l-kura, ma jkunux jistgħu jsibu r-riżorsi umani meħtieġa fil-pajjiż, pajjiżna għandu jsir il-post li jilqa’ lin-nies li jixtiequ jaħdmu hawn. Kwalunkwe ostaklu għall-wasla tagħhom għandu jibqa’ prattiku u jekk juru li huma impenjati lejn Malta għal perjodu raġonevoli, dawn għandhom jiġu rikonoxxuti bħala Maltin.

Għalhekk qed nargumentaw li r-regoli attwali f’Malta b’rabta man-naturalizzazzjoni jappartjenu għal realtà li m’għadhiex teżisti. Mhux biss il-persuni li jiżżewġu ċittadin Malti jew Maltija u jibqgħu flimkien għal 5 snin jistgħu jagħtu prova li huma impenjati lejn Malta.

Tabiba li ħadmet fis-servizz nazzjonali tas-saħħa f’Malta għal 5 snin, li żewġha jgħix magħha u jaqla’ l-għajxien b’impjieg ieħor, li uliedhom, forsi anki wieħed minnhom twieled Malta, imorru l-iskola f’Malta, iħallsu t-taxxi hawnhekk u xtraw id-dar tagħhom il-Mosta jew in-Nadur, m’għandhomx isibuha bi tqila biex juru li huma eliġibbli għal rikonoxximent sħiħ bħala ċittadini Maltin.

Għalhekk, l-idea tista’ tibda mill-aktar mod prattiku: għalfejn għandna nittrattaw investitur li jiftaħ fabbrika jew carer li taħdem f’dar tal-anzjani b’mod li jiskoraġġihom milli jagħżlu lil Malta għall-investiment jew għax-xogħol? Għalfejn m’għandniex nagħmluha aktar faċli għalihom biex jiġu fostna u jibqgħu hawn?

Iżda din malajr tiżvolġi fil-kunsiderazzjonijiet simboliċi daqskemm fundamentali li nagħtu liċ-ċittadinanza. Għalfejn xi ħadd li għamel lil Malta pajjiżu m'għandux jissejjaħ Malti wkoll?

# Għalfejn noġġezzjonaw għall-iskema tal-IIP

L-iskema tal-IIP ma tissodisfa bl-ebda mod l-aspirazzjonijiet tagħna dwar kif għandha tingħata ċ-ċittadinanza Maltija. Tfalli fl-ewwel u fl-aktar test fundamentali tal-għan u tat-tifsira taċ-ċittadinanza għax bl-ebda mod ma tirrikonoxxi jew tifformalizza relazzjoni bejn iċ-ċittadin naturalizzat u l-komunità Maltija u l-Istat Malti, jew lanqas ma tipprovdi għall-inqas il-motivazzjoni għal relazzjoni bħal din.

Għajr għal ftit eċċezzjonijiet li jistgħu jiġu akkomodati b'naturalizzazzjoni ordinarja, ix-xerrejja tal-passaporti Maltin bl-IIP m'għandhom l-ebda interess f'Malta jew fil-komunità Maltija. B'"interess" ma nfissrux kurżità każwali li tista' titqabbel ma' turist viżitatur. Iżda pjuttost qed infissru xi għamla ta' impenn jew involviment fil-ħajja tal-komunità Maltija, bħal impenn jew involviment f'attivitajiet jew fehmiet ekonomiċi, kulturali, politiċi, filantropiċi jew filosofiċi.

L-iskema qatt ma kienet maħsuba għal dak il-għan.

Ir-rivelazzjonijiet riċenti dwar korrispondenza relatata mal-proċessi tal-applikazzjoni bl-iskema tal-IIP kixfu approċċ mill-aktar sfaċċat għar-rekwiżit ta' "rabta ġenwina" ma' Malta, u bosta applikanti talbu "l-inqas impenn possibbli", u saħansitra rari żaru l-proprjetajiet li xtraw jew krew bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni. L-indifferenza tagħhom lejn Malta u lejn kull ħaġa Maltija (għajr iċ-ċittadinanza li qed jixtru) hi impressjonanti u offensiva.

Li wieħed jissupera "l-inqas impenn possibbli" wassal għal sistema ta' punteġġi li tagħti kisja ta' oġġettività burokratika lil din l-iskema. Madankollu rapporti riċenti fil-gazzetti joħorġu fid-dieher is-sistema ta' "220 punt" bħala waħda falza li ġġebbed it-tifsira ta' "rabta" u "ġenwina" biex l-hekk imsejjaħ livell ta' interess tal-investitur ikun jista' jitqarreb lejn dak li jkun raġonevolment mistenni minn xi ħadd li jesprimi x-xewqa li jiġi rikonoxxut bħala ċittadin ta' pajjiż u ta' komunità li tirrispetta lilha nnifisha, bħalma kienu l-Maltin għal bosta sekli.

B'mod imbarazzanti, il-kompliċità tal-aġenziji tal-Istat Malti hi kolonjali, servili u xejn dinjituża. Dawn jistgħu jargumentaw li huma interessawhom biss il-flus u xejn iżjed. Iżda l-Istat Malti kemm-il darba tenna li l-politika tal-bejgħ tal-passaporti kienet maħsuba biex tikber u toktor in-nazzjonalità tal-Istat Malti u biex tiżżewwaq b'aktar "persuni ta' talent". Minflok, dawn l-aġenziji biegħu d-dinjità tal-Istat Malti għal tletin biċċa tal-fidda.

L-iskema tal-IIP ta' Malta użat il-mudell ta' skemi oħra li kienu jeżistu għal ftit snin f'xi pajjiżi żgħar ħafna fil-Karibew. Ma rridu nesprimu l-ebda nuqqas ta' rispett lejn pajjiżi gżejjer żgħar li kienu jew għadhom kolonji ta' pajjiżi Ewropej. Wara kollox, meta mqabbla ma' ħafna mill-pajjiżi l-oħra fid-dinja, nistgħu faċilment noqogħdu f'dik id-deskrizzjoni u ħafna drabi nisfaw vittmi ta' esklużjoni arroganti.

Madankollu, l-hekk imsejħa "skemi ta' ċittadinanza b'investiment" offruti minn mikrostati bħal St Kitts u Nevis (pop: 52,000), Dominica (pop: 71,000), St Lucia (pop: 180,000), Grenada (pop:110,000), Antigua u Barbuda (pop: 97,000) u Vanuatu (pop: 300,000) mhumiex mudelli li naspiraw għalihom.

Dawn il-pajjiżi għandhom id-dritt sovran li jirrikonoxxu lil min jogħġobhom bħala ċittadin tagħhom. Iżda ma nistgħux ninjoraw il-fatt li l-iskemi tagħhom li jagħtu l-istatus ta' ċittadin lil persuni li m'għandhom xejn x'jaqsmu magħhom ħolqu suspetti dwar l-intenzjoni, il-kredibbiltà u r-rispettabbiltà ta' dawn il-pajjiżi fix-xena dinjija.

Hemm diversi każijiet dokumentati ta' persuni b'passaport maħruġ lilhom minn dawn il-pajjiżi li nstabu li qed jużaw dawk il-passaporti biex jaħbu l-identità jew l-oriġini tagħhom minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi ta' pajjiżi oħra. Ngħidu aħna, bosta stati tal-Karibew gawdew minn drittijiet tal-ivvjaġġar mingħajr viża fl-Istati Uniti, fil-Kanada, fir-Renju Unit u f'pajjiżi oħra. Dan ġie sfruttat minn ċittadini ta' pajjiżi li ma jgawdux minn dawn il-privileġġi tal-ivvjaġġar mingħajr viża. B'dan il-mod irnexxielhom jevitaw l-iskrutinju u f'diversi każijiet dokumentati dak il-fatt għenhom jiskappaw il-konsegwenzi ta' attività kriminali jew illeċita.

Fil-prinċipju, m'aħniex ħerqana nirrestrinġu l-ivvjaġġar tan-nies, jiġu minn fejn jiġu. Iżda s-sottoterfuġju wassal biex inħoloq preġudizzju kontra d-detenturi kollha tal-passaporti minn dawn il-pajjiżi għax kwalunkwe wieħed minnhom seta' kiseb dak il-passaport sempliċiment billi xtrah.

Dawn il-mikrostati spiss jiġġustifikaw dawn l-iskemi bħala għodda meħtieġa għall-iżvilupp ekonomiku tagħhom. Minħabba l-insularità, id-daqs, in-nuqqas ta' riżorsi naturali, il-periferalità u s-sottożvilupp ekonomiku kellhom ikunu "kreattivi" bil-mudell ekonomiku tagħhom. Din kienet ukoll l-esperjenza ta' Malta.

Iżda bħala ċittadini, aħna intitolati nistennew li l-mudell ekonomiku ta' Malta jissejjes fuq prinċipji etiċi u sostenibbli u jkun konsistenti mal-istatus tagħna bħala Stat Membru tal-UE.

L-iskema tal-IIP imħaddma f'Malta tadotta l-mudell tal-mikrostati periferiċi u tapplikah għaċ-ċittadinanza Ewropea. Eżatt bħalma xerrej ta' passaport ta' St Kitts u Nevis jista' jkun mistenni raġonevolment li qatt ma jżur jew jimpenja ruħu għal dak il-pajjiż, ix-xerrejja tal-passaporti Maltin bl-iskema Maltija ma għandhom l-ebda interess f'Malta.

Iżda xerrej tal-passaport Malti jikseb iżjed mix-xerrej tal-passaport ta' St Kitts u Nevis. Dan mhux għax hemm attrazzjoni akbar lejn Malta milli hemm lejn St Kitts u Nevis. Hu biss għax iċ-ċittadinanza Maltija hi wkoll iċ-ċittadinanza tal-UE.

Dwar dan, għandna żewġ oġġezzjonijiet. L-ewwel waħda hi li ċ-ċittadinanza ta' pajjiż – tagħna – tqiegħdet f'suq fejn il-valur akbar tagħha għall-persuni li jixtruha bi prezz partikolari jiġġustifika prezz ogħla miċ-ċittadinanza ta' pajjiż ieħor.

Dan inaqqas, bl-aktar mod mundan u materjalistiku possibbli, iċ-ċittadinanza għal komodità negozjabbli. Filwaqt li nagħrfu li l-fehma tagħna mhix unanima, jidhrilna li din il-komodifikazzjoni teqred l-importanza simbolika u sostantiva iżda mhux inqas fundamentali taċ-ċittadinanza li spjegajna hawn fuq.

Ladarba jingħata prezz lil xi ħaġa, din ma tibqax inerenti għall-kundizzjoni ta' dawk kollha li huma eliġibbli għaliha. U ladarba l-prezz tfassal biex jirriżerva privileġġ għal dawk għonja li jifilħu jħallsuh u jinjora lill-bqija, intilef għalkollox is-sinifikat tal-Istat bħala unità ta' solidarjetà bejn il-membri kollha tal-komunità aktar milli bħala klabb esklussiv għal dawk mgħerrqa fil-liri.

Dan hu soċjalment inġust. Ġustizzja soċjali riżervata għall-persuni li l-gvern jiddeċiedi li huma eliġibbli għaliha mhi ġustizzja xejn. Ġustizzja soċjali riżervata għall-miljunarji mhi ġustizzja xejn. Fid-disinn tal-Istat Malti (għax l-eliġibbiltà għaċ-ċittadinanza tinsab fil-qalba nett ta' xi jfisser li tkun parti mill-Istat) inkorporajna privileġġ għall-għonja li jiċċaħħad lill-bqija. Dan imur kontra ta' dak li nqisu bħala Stat modern u ġust.

Li ngħidu li inkorporajna dan fid-disinn tal-Istat jista' jagħti l-impressjoni żbaljata li qed nirreferu għad-dispożizzjonijiet Kostituzzjonali. Tabilħaqq, wieħed bir-raġun jistenna li r-regoli dwar iċ-ċittadinanza (effettivament, il-biljett tad-dħul għas-sħubija fl-Istat) għandhom jitnaqqxu fil-Kostituzzjoni. Xi darba hekk kienu. Iżda kif spjegajna aktar kmieni, dawn tneħħew mill-Kostituzzjoni u l-ewwel ġew relegati għal-liġi ordinarja, imbagħad spiċċaw għad-diskrezzjoni u l-poter klijentelistiku tal-Ministri. Għalina, dan mhu xejn f'loku.

It-tieni oġġezzjoni hi li kwalunkwe valur addizzjonali li jinkiseb bil-passaport Malti, aktar minn dak li jinkiseb b'passaport ta' xi mikrostat ieħor li jbigħ iċ-ċittadinanza, huwa bis-saħħa tas-sħubija tagħna fl-UE.

Għar-raġunijiet spjegati hawn fuq, b'din l-iskema, pajjiżna qed jonqos fl-obbligu tiegħu li jaġixxi *in bona fide* fir-relazzjoni tiegħu ma' sħabna fl-Unjoni Ewropea. Qed nimponulhom l-obbligu li jittrattaw lix-xerrejja taċ-ċittadinanza tagħna mingħajr rabta ġenwina ma' pajjiżna jew mingħajr interess ġenwin f'pajjiżna daqslikieku kienu nattivi għaċ-ċittadinanza tagħhom. U dan nagħmluh filwaqt li l-flus jidħlu kollha f'butna.

Iżda d-dimensjoni Ewropea ta' dan tikkawżalna ġerħa ferm aktar fonda. Bħal fil-każ tat-tisrif taċ-ċittadinanza Maltija fi flus, it-tisrif u l-bejgħ taċ-ċittadinanza Ewropea jfaqqar u jittrivjalizza dak li nifhmu biċ-ċittadinanza Ewropea.

Għal min iqis is-sħubija fl-UE bħala tranżazzjoni ekonomika, il-fatt li jista' jbigħ iċ-ċittadinanza Ewropea u jdaħħal kemxa flus ġmielha huwa impenn estrattiv neokolonjali ieħor, mezz kif japprofitta bla mistħija minn relazzjoni li jħares lejha biss mill-għajnejn ta' kost u benefiċċju.

Għalina, li nkunu ċittadini tal-Unjoni Ewropea jfisser li nħaddnu u nseddqu l-valuri Ewropej tad-demokrazija, tas-saltna tad-dritt, tas-solidarjetà, tas-sussidjarjetà u tas-sostenibbiltà. M'għandna l-ebda raġuni biex nemmnu li l-persuni li jixtru l-passaport Malti jagħmlu dan minħabba xewqa morali li jħaddnu dawn il-valuri. Dan ċertament li mhux xi wieħed mill-elementi msemmija fil-materjal pubbliċitarju tal-iskema li jħajjar ix-xiri taċ-ċittadinanza. Iżda l-libertà li wieħed jivvjaġġa, jaħdem, jinvesti u jgħix f'xi Stat Membru filwaqt li jiddikjara b'mod falz li hu Malti jew Maltija tinsab fuq quddiem nett fil-USP ta' dan il-"prodott".

# L-esperjenza ta' Malta bl-IIP

Malta aċċettat u rrikonoxxiet l-identità falza ta' Ali Sadr Hashemi Nejad, detentur ta' bosta passaporti ta' St Kitts u Nevis li rnexxielu jostor in-nazzjonalità Iranjana tiegħu hekk kif kiseb liċenzja biex jiftaħ il-Pilatus Bank f'Malta. Il-Pilatus Bank eventwalment ingħalaq bl-intervent tal-Awtorità Bankarja Ewropea u tal-Bank Ċentrali Ewropew ħabba ħasil tal-flus sistematiku. Ali Sadr Hashemi Nejad ġie pproċessat fl-Istati Uniti għal reati finanzjarji li allegatament twettqu qabel kiseb il-liċenzja f'Malta. L-akkużi eventwalment twaqqgħu minħabba difetti fil-prosekuzzjoni.

Fost ix-xerrejja tal-passaport Malti bl-iskema tal-IPP hemm:

- Nguyen Thi Nguyet Huong, Membru Parlamentari Vjetnamiż li l-liġijiet ta' pajjiżha ma jippermettulhiex tikseb passaport ieħor. Bosta rapporti riċenti fil-gazzetti jissuġġerixxu li għadd kbir ta' benefiċjarji tal-iskema tal-IIP ġejjin minn pajjiżi li jipprojbixxu t-tieni ċittadinanza. L-azzjonijiet tal-Istat Malti f'dawn is-sitwazzjonijiet jipperikolaw serjament ir-relazzjoni diplomatika ta' Malta ma' dawn il-pajjiżi;

- Pavel Melnikov, iċ-chairman imwieled ir-Russja tad-ditta tal-proprjetà Airiston Helmi li ġiet irrejdjata mill-pulizija finanzjarja Finlandiża f'Settembru tal-2018 fuq suspett li kienet front għal operazzjoni enormi ta' ħasil tal-flus;

- Mustafa Abdel Wadood, imwieled Eġizzjan u akkużat bi frodi u reat ta' assoċjazzjoni mill-gvern tal-Istati Uniti;

- Liu Zhongtian, imwieled iċ-Ċina u sid ta' konglomerat Ċiniż enormi tal-aluminju, u li fl-2019 ġie akkużat minn gran ġurija fl-Istati Uniti fuq kuntrabandu tal-aluminju lejn l-Istati Uniti u evitar ta' $1.8 biljun f'taxxi;

- Arkady Volozh, fundatur tas-search engine Russa Yandex, u Boris Mints, sid il-kumpanija ewlenija tal-investiment O1, u Alexander Nesis, fundatur tal-grupp ta' ekwità ICT, li lkoll jissemmew fi "Kremlin Report" tat-Teżor tal-Istati Uniti mmirat lejn oligarki qrib Vladimir Putin għal sanzjonijiet potenzjali.

Anki Irina Orlova, Evgeny Filobokov, u Viktor Vashkevich kisbu passaport Malti. Parti mill-flus li ħallsu daħlu fil-kont ta' Brian Tonna fil-British Virgin Islands. Imbagħad minn dak il-kont, saru

pagamenti lejn il-kont ta' Keith Schembri fil-Pilatus Bank. Ma nstabet l-ebda evidenza speċifika li turi b'mod konklużiv li l-ħlas lil Keith Schembri kien tixħim mill-bejgħ tal-passaporti. Iżda l-pagamenti qatt ma ġew spjegati bis-sħiħ u bħalissa għaddejjin proċedimenti kriminali dwar dan.

L-iskema Maltija tal-IIP titħaddem minn Henley & Partners, li hi soġġetta għal bosta investigazzjonijiet dwar suspett ta' interferenza politika u manipulazzjoni elettorali f'diversi ġuriżdizzjonijiet żgħar oħra. Minkejja ċ-ċaħdiet, l-investigazzjonijiet ġurnalistiċi jkomplu jikkonfermaw ir-relazzjoni bejn Henley & Partners u Cambridge Analytica u organizzazzjonijiet u persuni relatati oħra, matul is-snin. Cambridge Analytica ngħalqet wara li ġiet esposta għal manipulazzjoni tal-votanti fuq skala industrijali f'diversi demokraziji. Hu impossibbli ma jkunx hemm suspett li l-konnessjoni bejn Henley & Partners u Cambridge Analytica kienet attiva wkoll f'Malta.

Henley & Partners ikkummerċjalizzaw l-iskema Maltija tal-IIP bħala l-ġojjell fil-kullana ta' offerti dinjin tagħhom, bla dubju minħabba l-"valur miżjud" taċ-ċittadinanza Maltija. Fil-preżentazzjonijiet tagħhom saħqu ferm fuq il-kwalità tad-diliġenza dovuta li ssir fl-iskema Maltija. Dan kien meħtieġ biex tiġi ċċertifikata l-kredibbiltà tal-prodott li kienu qed ibigħu.

Iżda l-investigazzjonijiet ġurnalistiċi żvelaw attitudni ċinika fejn tidħol id-diliġenza dovuta min-naħa tal-operaturi lokali meta żguraw lill-ġurnalisti (li għamluha tabirruħhom li kienu applikanti b'rekord kriminali) li l-kuntatti tagħhom mal-mexxejja politiċi Maltin setgħu jirranġawlhom għall-passaporti, minkejja li dehru li kienu ineliġibbli. U rapporti aktar riċenti fil-gazzetti juru li Henley & Partners u l-awtoritajiet Maltin xeħtu fuq xulxin ir-responsabbiltà tad-diliġenza dovuta xierqa filwaqt li r-regolatur rabat idejh.

M'aħniex sorpriżi li l-iskema tal-IIP kellha influwenza korrotta fuq it-tmexxija tal-affarijiet fl-Istat Malti. Bl-għoti ta' passaporti lil persuni li eventwalment inkixfu li kienu attivi f'reati ta' assoċjazzjoni kriminali f'pajjiżi oħra, l-Istat Malti għamel ħsara lir-reputazzjoni kollettiva taċ-ċittadini Maltin kollha.

L-iskema tal-IIP toħloq ukoll vulnerabbiltà għax possibbilment qed tiftaħ il-bibien ta' Malta, u b'estensjoni tal-UE, għal atturi Statali u mhux Statali li huma mill-aktar ostili għall-valuri minquxa fil-Kostituzzjoni tagħna, fit-Trattati Ewropej u, tabilħaqq, fil-patrimonju kulturali tagħna. L-iskema tal-IIP tista' wkoll iżżid il-vulnerabbiltà tagħna għal penetrazzjoni ta' ċelloli terroristiċi u għal gruppi tal-kriminalità organizzata. Minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn il-

kriminalità organizzata u l-elit politiku u fin-negozju fi kważi kull wieħed mill-pajjiżi tal-oriġini tal-benefiċjarji tal-IIP, din il-possibbiltà ma tistax tiġi sottovalutata.

Portali tal-aħbarijiet li jkopru stejjer ta' persuni elenkati hawn fuq u diversi oħrajn irrappurtaw li ċ-ċittadinanza Maltija tagħhom kienet "falza", tip ta' "bandiera ta' konvenjenza" mogħtija lil xi ħadd li ma kienx jgħaddi mill-kontrolli tal-infurzar tal-liġi ta' pajjiż aktar organizzat jew tal-pajjiż tal-oriġini tagħhom. Għalhekk, id-detenturi tal-passaporti Maltin, inkluż naturalment il-passaporti maħruġin lil persuni Maltin ordinarji u li jobdu l-liġi, saru kollha suspettati u possibbilment paraventu għal intenzjoni kriminali.

Dan tikkonfermah evidenza konsistenti li esperjenzaw bosta vjaġġaturi Maltin barra mill-pajjiż li jirrapportaw li sabu ma' wiċċhom awtoritajiet tal-immigrazzjoni suspettużi: jaf sakemm bdiet titħaddem l-iskema tal-IIP kellna tassew għalfejn niftaħru bis-"saħħa" tal-passaport Malti, iżda llum saret propaganda fjakka, jekk mhux reklamar qarrieqi.

# Il-potenzjal ta' riskji kbar

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tidentifika l-iskemi taċ-ċittadinanza li bħal ta' Malta ma jeżiġux preżenza fiżika sinifikanti fil-ġuriżdizzjoni taċ-ċittadinanza, bħala skemi li jippreżentaw riskju kbir għax jistgħu jintużaw biex jiġi evitat l-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) tal-OECD. Dan hu bbażat fuq il-premessa li ħafna mill-persuni li jippruvaw jevitaw is-CRS permezz tal-iskema tal-bejgħ tal-passaporti jkunu jixtiequ jevitaw it-taxxa fuq l-introjtu fuq l-assi finanzjarji offshore tagħhom u ma jkunux lesti jibdlu mill-qiegħ l-istil ta' ħajjithom billi jħallu l-ġuriżdizzjoni ta' residenza oriġinali tagħhom u jirrilokaw f'Malta.

L-OECD tirrakkomanda lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex ma jistrieħux fuq l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mogħtija mill-persuni li jkunu xtraw il-passaport bi skemi bħal dik ta' Malta. Dan waħdu, hu indikazzjoni tan-nuqqas ta' fiduċja li Malta bħala ġuriżdizzjoni finanzjarja ġabet fuqha nnifisha sempliċiment billi adottat l-iskema fl-2014.

L-OECD telenka l-iskemi residenzjali ta' 14-il pajjiż fid-dinja li "potenzjalment jippreżentaw riskju kbir għall-integrità tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar." Minn fost dawk l-14, 6 biss jipprovdu skemi tal-bejgħ taċ-ċittadinanza: Antigua u Barbuda, Ċipru, Dominica, Grenada, St Kitts u Nevis, u St Lucia. Il-bqija (il-Bahamas, il-Bahrain, Barbados, is-Seychelles, il-Gżejjer Turks u Caicos, l-Emirati Għarab Magħquda u Vanuatu) ibigħu drittijiet residenzjali jew ta' sjieda tal-art.

Fil-frattemp Ċipru ssospendiet l-iskema taċ-ċittadinanza tagħha minħabba allegazzjonijiet kbar ta' korruzzjoni u b'hekk Malta spiċċat l-unika ġuriżdizzjoni fl-UE li toffri ċ-ċittadinanza tagħha għall-bejgħ u li bl-iskema tagħha tippreżenta riskju kbir għall-integrità tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar tal-G20/OECD.

Aħna nisħqu dan il-fatt għax spiss jgħidulna li "hemm pajjiżi oħra li jagħmlu dan". Għall-inqas fl-UE, l-iskema Maltija hi eċċezzjonali fejn tidħol is-segretezza u għax tant titlob impenn żgħir bejn il-pajjiż u l-persuna li tagħtiha l-istatus taċ-ċittadinanza, li minnha nnifisha tippreżenta riskju finanzjarju internazzjonali.

L-OECD ddeskriviet l-iskema Maltija bħala tieqa għall-ħassiela tal-flus fis-sistema finanzjarja Ewropea u dinjija.

Ikun xi jkun il-benefiċċju finanzjarju li tiġġenera l-iskema, il-ħsara lir-reputazzjoni ta' Malta fix-xena dinjija hi inkalkolabbli.

Aħna nelenkaw dawn ir-raġunijiet:

1. L-industrija tas-servizzi finanzjarji ta' Malta tmur lura għal diversi snin ferm qabel l-iskema tal-bejgħ tal-passaporti. Iżda r-riskji l-ġodda li ġabet magħha l-iskema tal-bejgħ tal-passaporti għamlu ħsara lir-reputazzjoni tagħha għall-affidabbiltà, u dgħajfu ħafna l-fiduċja li gawdew il-fornituri tas-servizzi finanzjarji f'Malta b'assoċjazzjoni mal-iskema tal-passaporti. F'għajnejn id-dinja, Malta ma baqgħetx ġuriżdizzjoni għas-servizzi finanzjarji u pjuttost saret ġuriżdizzjoni għall-bejgħ tal-passaporti.

2. Ma rridux nonfħu żżejjed il-benefiċċju ekonomiku tal-iskema tal-bejgħ tal-passporti. Verament li ġġenerat dħul konsiderevoli fil-finanzi pubbliċi u ħolqot bosta dħul lis-sidien tal-appartamenti mikrija u lill-fornituri tas-servizzi li jagħmlu l-iskema attraenti għalihom. Iżda l-bejgħ tal-passaporti għandu effett multiplikatur negliġibbli u ma jiġġenera kważi l-ebda impjieg produttiv.

3. Barra minn hekk, l-attività hija wkoll insostenibbli għax il-pressjoni fuq Malta biex tabolixxi l-iskema aktarx mhux se tonqos. Dan ifisser li din mhix attività ekonomika li tista' tiġi sostnuta fit-tul, u l-prijorità tal-ippjanar tal-gvern jeħtieġ tkun fuq it-tiftix ta' flussi ġodda tad-dħul li jkunu sostenibbli minflok fuq sforz fil-vojt biex jiddefendi l-iskema.

# Diskrezzjoni eċċessiva

L-iskema tal-IIP u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għan-naturalizzazzjoni u r-revoka possibbli taċ-ċittadinanza, fi kwalunkwe każ, huma regolati b'diskrezzjoni amministrattiva u Ministerjali eċċessiva, li mhix soġġetta għal rieżami u li tippermetti diskriminazzjoni inaċċettabbli bejn l-applikanti jew fil-konfront taċ-ċittadini li titneħħielhom iċ-ċittadinanza.

Rapporti riċenti fil-gazzetti jissuġġerixxu li d-diskrezzjoni tal-Prim Ministru jidher li marret sal-punt li tordna bidla fl-isem ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' ċittadin naturalizzat bl-iskema tal-IIP ħalli titgħatta l-identità tal-applikant. Filwaqt li nargumentaw li l-liġi tippermetti diskrezzjoni eċċessiva, issa jidher li l-gvern eżerċita wkoll diskrezzjoni li tmur lil hinn mill-aktar interpretazzjoni laxka tal-limiti legali.

Jekk iċ-ċittadinanza hi, kif qed nargumentaw, inerenti u simbolika tas-sovranità tal-individwu, is-setgħa tal-Istat li jiddeċiedi meta jirrikonoxxi jew ma jibqax jirrikonoxxi lil ċittadin trid tiġi definita, imrażżna u eżerċitata b'attenzjoni kbira f'isem l-interess tal-komunità u b'rispett sħiħ tad-dritt ta' dak l-individwu.

Minflok, l-applikazzjonijiet għan-naturalizzazzjoni qed jiġu pproċessati abbażi tas-suppożizzjoni operattiva li l-applikanti m'għandhomx drittijiet, u sta għall-Ministri jew għall-aġenzija li tirrapporta lilhom biex jiddeċiedu huma jekk jagħtux iċ-ċittadinanza bħala rigal unilaterali jew le.

Fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għan-naturalizzazzjoni qed jiġu applikati b'mod sistematiku kunsiderazzjonijiet li għandhom ikunu irrilevanti f'kull deċiżjoni eżekuttiva, fosthom ir-razza, it-twemmin jew, kif jissemma fil-liġi, li jkun "ċittadin tajjeb ta' Malta" u "ta' kondotta tajba" jew li ma jkunx "żleali jew mhux fidili lejn il-President jew lejn il-Gvern ta' Malta".

Aktarx aktar serja minn hekk, fid-deċiżjoni dwar jekk xi ħadd għandux jiġi rikonoxxut bħala ċittadin jew le jiġi kkunsidrat kemm l-applikant ikun għani – kunsiderazzjoni li hi naturalment irrilevanti għall-forniment ta' servizzi pubbliċi jew għall-aċċess għall-ġid pubbliku.

L-għana, jew il-ħlas tat-tariffi, jistgħu jitqiesu oġġettivi. Iżda anke f'dan ir-rigward, l-ammissjoni jew ir-rifjut qed jiġu deċiżi għalkollox b'mod diskrezzjonali u dan mhux aċċettabbli.

Fil-fehma tagħna, din il-metodoloġija mhijiex xierqa għall-governanza tal-pajjiż u, kif urietna l-esperjenza, hija stedina miftuħa għal opportunitajiet ta’ korruzzjoni ta’ dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u ta’ persuni fl-awtorità.

# Opaċità

In-nuqqas ta' trasparenza li għandha l-iskema Maltija tal-bejgħ tal-passaporti mhix biss kwistjoni ta' tħassib għas-sistema finanzjarja u għall-istituzzjonijiet finanzjarji tad-dinja, wara r-rakkomandazzjonijiet tal-OECD.

F'pajjiżna, is-segretezza mingħajr preċedent tal-iskema nawret il-fiduċja fl-amministrazzjoni pubblika tagħna.

Għalkemm ix-xerrejja tal-passaporti Maltin ingħataw l-istatus permezz ta' skema tal-gvern, dawn jitniżżlu fil-Gazzetta tal-Gvern mal-persuni l-oħra kollha li ġew naturalizzati bħala Maltin bi proċess li jirrikonoxxi d-drittijiet tagħhom kif stabbilit bil-liġi, u mingħajr ma ssir distinzjoni minnhom.

Għaldaqstant, l-isem ta' wild li d-dixxendenza tiegħu hija rikonoxxuta b'ċittadin Malti u għalhekk hu naturalizzat bħala Malti, jitniżżel flimkien ma' isem ta' persuna li ħallset miljun ewro għal dan il-privileġġ.

Din, qabelxejn, hija offensiva lejn il-persuni li żguraw in-naturalizzazzjoni bl-involviment tagħhom f'Malta. Hija wkoll diskriminatorja kontra l-persuni li ċċaħħdu jew tħallew jistennew in-naturalizzazzjoni għal bosta snin minkejja l-involviment tagħhom f'Malta.

Iżda hija wkoll għodda ta' segretezza għax tagħmilha diffiċli ferm li jsir skrutinju tal-imġiba tal-gvern biex jiġi identifikat min ikun kiseb iċ-ċittadinanza Maltija bil-flus. Peress li x-xerrejja normalment jixtru l-passaporti għal familja sħiħa, filwaqt li ċ-ċittadini naturalizzati biż-żwieġ, ngħidu aħna, jew b'residenza fit-tul, normalment jiksbu ċ-ċittadinanza bħala individwi, il-gvern qed jevita r-riskju ta' identifikazzjoni ta' dawk il-gruppi meta diversi persuni bl-istess kunjom jiġu elenkati flimkien f'lista alfabetika.

B'mod eċċezzjonali (u pjuttost komiku), il-gvern jagħmel dan billi jelenka l-ismijiet taċ-ċittadini naturalizzati b'mod alfabetiku skont l-ismijiet tagħhom.

Aktar importanti minn hekk, l-indirizzi mogħtija mill-applikanti magħżula għaċ-ċittadinanza, fejn iddikjaraw li għexu għall-perjodu obbligatorju ta' 12-il xahar qabel ma kienu intitolati japplikaw, qed jinżammu sigrieta mill-Istat.

Minn listi ta' indirizzi li nħarġu bi żball amministrattiv, u aktar riċenti f'rapporti fil-gazzetti dwar ir-rivelazzjonijiet ta' dokumenti relatati mal-applikazzjonijiet tal-IIP, nafu li fi kważi l-każijiet kollha, l-indirizzi mogħtija mill-applikanti huma fittizji. Ħadd ma jgħix f'dawk l-indirizzi għax huma akkomodazzjonijiet mhux adegwati, mhux abitabbli, jew abitati minn persuni oħra mingħajr rabta mal-allegat applikant. F'xi każijiet, il-proprjetajiet fejn l-applikanti qalu li għexu għal aktar minn sena huma binjiet li qatt ma nbnew.

Dan juri li l-gvern lest jaċċetta applikazzjonijiet li jkollhom informazzjoni falza u din, fil-prinċipju, għandha tinvalida l-applikazzjoni. Il-gvern jaqbel b'mod taċitu li ma jivverifikax l-informazzjoni mogħtija dwar l-indirizz Malti tal-applikant, u li jostor l-informazzjoni dwar l-indirizzi biex jevita l-iskrutinju.

Dan mhu xejn inqas minn kompliċità volontarja fi frodi. Minħabba n-natura sistematika ta' dan il-qerq jew, kif ġie deskritt b'mod ġeneruż, din il-"loophole" fil-liġi, aħna jidhrilna li l-kompliċità tal-gvern tirrendi l-iskema f'waħda minnha nnifisha frawdulenti. Din hija ħadma mwettqa mill-fornituri tas-servizzi tal-IIP f'isem il-klijenti tagħhom. Iżda hemm l-idejn ta' xi ħadd minn ġewwa, u dax-xi ħadd minn ġewwa hu l-gvern Malti, inkluż l-aġenziji tiegħu u r-regolatur stabbilit bil-liġi biex jiżgura l-konformità.

Jekk il-gvern lest jaċċetta fil-miftuħ gidba dwar is-suppost residenza ta' applikant, hu ċar għalina li l-gvern lest jaċċetta kwalunkwe tip ieħor ta' gidba fl-applikazzjoni, inkluż l-identità vera tal-applikant, il-pajjiż veru tal-oriġini tiegħu, l-istorja kriminali vera tiegħu, u l-eliġibbiltà vera tiegħu skont il-linji gwida tal-iskema ppubblikati.

Rapporti riċenti fil-gazzetti wrew li f'xi każijiet il-gvern kien lest saħansitra jigdeb f'isem dawn il-klijenti, meta aċċetta li jgħatti l-identità tagħhom u jiffalsifika isimhom fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali tal-gvern.

Ninsabu xxukkjati dwar dan għal diversi raġunijiet.

L-ewwel nett, jekk tkun sinjur biżżejjed il-gvern lest jigdeb f'ismek, iżda jekk ma tkunx sinjur biżżejjed għid żgur li se tiġi kkastigat għall-gideb. Dan juri li l-liġijiet tal-pajjiż mhumiex applikati b'mod ugwali, li l-amministrazzjoni mhix għamja, u li għall-ewwel darba mill-Indipendenza 'l hawn pajjiżna qed jimporta elit sinjurun privileġġat.

It-tieni nett, jekk f'dan il-każ il-gvern lest jippreżenta l-gideb fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali tiegħu, aħna bir-raġun kollu nissuspettaw li l-gvern lest jigdeb fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali

tiegħu dwar kwalunkwe materja. Spiss ilmentajna dwar it-tnawwir tal-fiduċja bejn il-mexxejja tal-pajjiż u l-poplu. U fil-fatt għadna xxukkjati kemm l-awtoritajiet lesti jaqgħu f'livell mill-aktar baxx biex iqarrqu bil-pubbliku Malti.

Ir-regolatur tal-iskema ddikjaraw pubblikament li huma jirrakkomandaw li tiżdied is-segretezza dwar l-iskema billi titneħħa saħansitra l-pubblikazzjoni tal-ismijiet kollha taċ-ċittadini naturalizzati biex ikun evitat li xi ħadd jingħaraf, bħalma ġieli ġara.

Dan juri żewġ affarijiet: l-ewwel nett, li l-awtoritajiet mhumiex biss lesti jirrikonoxxu lil persuni li mhumiex konnessi ma' Malta bħala ċittadini ta' Malta bi status ugwali bħall-persuni naturalizzati bħala Maltin bi proċess aktar strett, restrittiv u rigoruż. Iżda lesti wkoll jagħtu aktar drittijiet lill-persuni li ħallsu biex xtraw il-passaport tagħhom, milli għandhom il-persuni li jiksbuh bid-dritt; u dan billi jagħtuhom privileġġi speċjali ta' segretezza, filwaqt li jikkunsidraw fil-miftuħ li jevitawlhom l-inkonvenjenza li isimhom jixxandar fil-Gazzetta tal-Gvern kif teżiġi l-liġi. Meta qed jgħinhom jaħbu l-identità jew l-informazzjoni dwar l-oriġini ġenwina tagħhom jew il-post veru ta' residenza tagħhom, il-gvern qed jirrikonoxxi li dawn iċ-"ċittadini" għandhom xi ħaġa x'jaħbu.

It-tieni kunsiderazzjoni hija li r-regolatur tal-iskema jidhirlu li l-interessi nazzjonali u r-responsabbiltajiet tagħhom ikunu qed jinqdew jekk jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-applikanti li ħallsu, minflok jekk jiġu ssodisfati d-drittijiet taċ-ċittadini Maltin ordinarji. L-elitiżmu pervers f'dan l-approċċ u l-attitudni servili lejn il-miljunarji askapitu ta' kulħadd, kif narawha aħna, huma tassew kundannabbli.

# Revokabbiltà

Forsi biex jittaffa t-tħassib dwar il-persuni li kisbu ċ-ċittadinanza Maltija u għadhom qed jiġu akkużati jew forsi nstabu ħatja ta' reati finanzjarji xi mkien ieħor, il-gvern għamel assigurazzjonijiet pubbliċi li kien se jneħħi ċ-ċittadinanza lil dawn il-persuni.

Din l-aħbar ma kkonvinċietna xejn.

Fil-fehma tagħna, in-natura taċ-ċittadinanza bħala inerenti għas-sħubija taċ-ċittadini f'komunità tkun tagħmel sens biss jekk tkun irrevokabbli.

Meta persuna tiġi kkundannata għall-aktar reati faħxin u tiġi kkastigata, skont il-liġijiet tagħna, bl-aktar kastig sever possibbli f'Malta, jiġifieri b'sentenza ta' għomor il-ħabs, xorta waħda ma nċaħħdux lil dik il-persuna miċ-ċittadinanza tagħha. Fil-fehma tagħna, irrispettivament mill-azzjoni u mill-kastig mogħtija skont il-liġi, id-drittijiet inerenti u fundamentali tal-individwi jibqgħu inaljenabbli. L-istatus tagħhom bħala ċittadini hu distint mil-libertajiet ordinarji tagħhom li huma ċirkoskritti legalment minħabba l-kundanna tagħhom.

Għaldaqstant priġunier ikkundannat jista' jiġi mġiegħel iqatta' l-bqija ta' ħajtu f'detenzjoni iżda dan ma jfissirx li jista' jiġi ttorturat, għax ma jeżisti l-ebda mod legali biex xi ċittadin jew bniedem jiġi ttrattat b'dan il-mod.

Madankollu, bl-iskema tal-bejgħ taċ-ċittadinanza, l-awtoritajiet mhux biss sabu mod "irħis" kif jagħtu ċ-ċittadinanza (billi jbigħuha) iżda applikaw ukoll mod "irħis" kif jeħduha lura (billi jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom).

Aktar kmieni aħna argumentajna li l-iskema tal-bejgħ tal-passaporti, b'tisrif fi flus, affettwat in-natura taċ-ċittadinanza minnha nnifisha u allura affettwat ir-relazzjoni ta' kull ċittadin Malti ma' pajjiżu. Bl-istess mod, meta tiġi eżerċitata diskrezzjoni politika li ċċaħħad l-istatus ta' xi ħadd bħala ċittadin, l-awtoritajiet ikunu qed idgħajfu n-natura inaljenabbli taċ-ċittadinanza.

# Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet

Minħabba:

- it-tnawwir tal-valur veru taċ-ċittadinanza;
- l-inġustizzja li ġġib magħha skema li tkun ristretta għall-għonja u li teskludi lill-bqija;
- il-ħsara lir-reputazzjoni ta' Malta;
- ir-riskju għas-sistema finanzjarja;
- ir-riskju ta' kompliċità konsegwenzjali ma' kriminali finanzjarji;
- il-falliment fl-obbligi tagħna lejn sħabna fl-Unjoni Ewropea;
- it-tnawwir li tikkawża s-segretezza amministrattiva; u
- id-diskrezzjoni politika eċċessiva fl-applikazzjoni tal-liġi dwar iċ-ċittadinanza,

hija l-fehma soda tagħna li ċ-ċittadinanza ta' Malta m'għandhiex tiġi offruta lil xi ħadd bi prezz.

Għaldaqstant, il-proposta ewlenija tagħna hija li titneħħa għalkollox u minnufih l-iskema tal-bejgħ tal-passaporti.

Aħna nappoġġaw l-azzjoni li ħadet il-Kummissjoni Ewropea meta finalment iddeċidiet li l-iskema Maltija tikser il-liġi tal-UE u nittamaw li l-awtoritajiet Maltin ma jdaħħlux lil pajjiżna fi skariġġ għali u inutli biex jiddefendu din l-iskema.

Iżda fil-fehma tagħna, l-abrogazzjoni tal-IIP mhix biżżejjed.

Irridu nindirizzaw il-kwistjonijiet ta' diskrezzjoni Ministerjali mingħajr restrizzjonijiet, il-governanza laxka u n-nuqqas kważi totali ta' sorveljanza fl-amministrazzjoni taċ-ċittadinanza tagħna. M'aħniex imħassbin biss dwar il-vulnerabbiltà tal-komunità Maltija għax l-IIP esponietna għal bosta riskji. Imħassbin ferm dwar il-vulnerabbiltà tal-persuni li jitolbu jew li għandhom ikunu intitolati jitolbu li jiġu kkunsidrati għaċ-ċittadinanza Maltija.

Aħna nappoġġaw ukoll riformi li:

- jerġgħu jnaqqxu l-bażi għar-rikonoxximent taċ-ċittadinanza fil-Kostituzzjoni mnejn tneħħiet;

- jirrikonoxxu lill-persuni li twieldu u kibru Malta bħala ċittadini mingħajr ma titqies in-nazzjonalità tal-ġenituri tagħhom;

- itejbu l-kriterji għan-naturalizzazzjoni biex kull min għandu impenn sinċier għal ħajja f'Malta jkun jista' jikseb iċ-ċittadinanza fi ftit snin; u

- permezz tal-kriterji għan-naturalizzazzjoni, l-intraprendituri, l-artiġġjani, l-artisti, il-ħaddiema, l-akkademiċi u x-xjenzati jitħeġġu jimpenjaw ruħhom għal ħajja f'Malta u li dak l-impenn jiġi rikonoxxut b'ċittadinanza fi ftit snin.

Aħna nappellaw lill-gvern biex jiftaħ konsultazzjonijiet estensivi dwar dawn ir-riformi ħalli jitqiesu l-perspettivi ekonomiċi, soċjali u politiċi, u tkun żgurata l-inklużjoni tal-persuni kollha li jqisu lil Malta bħala pajjiżhom.